# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2076

**Kaz Numru 2623 DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Lucienne Scicluna**

**u**

**M.H.Malta Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 18 ta' Mejju 2011**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-14 ta' Ottubru 2008.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Lucienne Scicluna, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet meghjuna mill-Avukata Alessia Zammit McKeon u fil-bidu mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

2.2 Il-kumpanija M.H.Malta Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Rachelle Buttigieg meghjuna mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti bdiet fl-impieg mal-kumpanija intimata nhar l-01.01.06 fil-kariga ta' *Operator*. Ftit granet qabel jew fil-11.07.08, waqt laqgha li kellha ma' erba' rapprezentanti tal-kumpanija intimata r-rikorrenti kienet mgharrfa li l-*leave* ghall-mard b'paga shiha kien ezawrit u kien fadlilha biss 67 siegha *leave* b'nofs paga, kienet avzata biex ma tkomplix tiehu *vacation leave*

annwali minghajr avviz minn qabel, u kienet ukoll inkoraggitha ttejjeb il-produzzjoni taghha.
Ir-rikorrenti allegat li nhar il-Gimgha 25.07.08, laqtet minkibha mal-bank tax-xoghol, izda ma qalet lil hadd  ghaliex l-incident kien jidher minimu u ma fehmitx li kien ser jirrizulta f'xi htiega li tfalli mix-xoghol. Fi tmiem il-gimgha hadmet fir-*Restaurant* ta' binha bhas-soltu u matul il-lejl bejn is-Sibt u l-Hadd bdielha ugigh fil-minkeb li minhabba fih kellha tmur il-Poliklinika fejn kienet ezaminata, imdewwijha, imlewha l-formola statutorja N.I.30, u certifikata li ma tistax tattendi ghax-xoghol ghal hamest ijiem. Nhar it-Tnejn 28.07.08 marret il-fabbrika bil-formola statutorja, u talbet biex tkun iffirmata mill-Principal. Il-formola inzammet mill-kumpanija intimata u r-rikorrenti kienet mgharrfa li kien ser jinviztaha t-tabib tal-kumpanija intimata. It-tabib Aaron Formosa M.D. ezaminaha dak in-nhar stess, iccertifikaha li kellha trawma, li ma setghetx tidhol ghax-xoghol  ghal jumejn u rrapporta l-fehma tieghu lill-kumpanija intimata li t-trawma li kellha r-rikorrenti ma kinitx kompatibbli ma' dak li l-istess rikorrenti qaltlu li kien gralha fuq il-lant tax-xoghol. Nhar it-28.07.08 il-kumpanija intimata gharrfitha bil-miktub li b'rizultat ta' investigazzjoni interna li saret ikkonkludiet li l-allegat incident ma sehhx fuq il-lant tax-xoghol, akkuzatha b'dikjarazzjoni falza, talbitha twiegeb ghall-akkuza fi zmien jumejn, u li fil-frattemp kienet ser tiregistra l-assenza taghha bhala *leave* ghall-mard u mhux korriment. Nhar il-31.07.08 ir-rikorrenti wiegbet *tramite* l-avukata taghha fejn cahdet l-akkuza kontriha. Nhar l-01.08.08 il-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrenti permezz ta' ittra bl-istess data.

## 4. Lista tax-xhieda

Mr. Anthony Bernard, Rachelle Buttigieg, Dr. Aaron Formosa M.D., James Genovese, Simon Grima, Dr. Eric Scerri M.D., Andre Spiteri u r-rikorrenti kienu xhieda komuni.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrenti esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tmien pagni.

5.2.2 Kopja ta' FS3 ghas-sena li taghlaq fil-31.12.08 f'isem ir-rikorrenti immarkata, Dok.AZM/LS/1.

5.2.3 Kopja ta' certifikat mediku datat 14.01.09 rilaxxat mill-Isptar Mater Dei li jikkonferma l-attendenza tar-rikorrent fl-istess sptar ghal intervent kirurgiku immarkat, Dok.LS/AZM/1.

5.2.4 Kopja ta' *case summary* datat 14.01.09 li jikkonferma z-zmien li r-rikorrenti ghamlet rikoverata fl-istess sptar immarkat, Dok.AB1.

5.3 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.3.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'pagna wahda.

5.3.2 Kopja ta' messagg elettroniku datat 11.07.08 mibghut minn Rachelle Buttigieg lil Simon Grima rigward laqgha li saret bejn rapprezentanti tal-kumpanija intimata u r-rikorrenti immarkat, Dok.RB/ABC/6.

5.3.3 Kopja ta' formola statutorja N.I.30 datata 27.07.08 intenzjonata ghar-rikorrenti, izda minghajr id-dettalji personali taghha immarkata, Dok.RB/ABC/1.

5.3.4 Kopja ta' ittra datata 28.07.08 mibghuta minn Simon Grima lir-rikorrenti rigward l-investigazzjoni li ghamlet il-kumpanija intimata dwar l-allegat incident, akkuza dwar dikjarazzjoni falza u talba ghal twegiba immarkata, Dok.RB/ABC/3.

5.3.5 Kopja ta' messagg elettroniku datat 29.07.08 mibghut mit-tabib Aaron Formosa M.D. lil Rachelle Buttigieg rigward id-dijanjozi tieghu b'rizultat tal-vista li ghamel tal-kundizzjoni medika tar-rikorrenti immarkat, Dok.RB/ABC/2.

5.3.6 Kopja ta' messagg elettroniku datat 29.07.08 mibghut mit-tabib Aaron Formosa M.D. lil Rachelle Buttigieg rigward id-dijanjozi tieghu b'rizultat tal-vista li ghamel tal-kundizzjoni medika tar-rikorrenti immarkat, Dok.AF1. Dan kien duplikazzjoni tal-messagg elettroniku precedenti immarkat, Dok.RB/ABC/2.

5.3.7 Kopja ta' certifikat mediku datat 30.07.08 rilaxxat f'isem ir-rikorrenti immarkat, Dok.RB/ABC/4

5.3.8 Kopja ta' ittra datata 31.07.08 mibghuta mill-Avukata Dr. A. Zammit McKeon f'isem ir-rikorrenti lil Simon Grima bi twegiba ghall-ittra tieghu immarkata, Dok.RB/ABC/5.

5.3.9 Kopja ta' ittra datata 01.08.08 mibghuta minn Simon Grima lir-rikorrenti fejn fost affarijiet ohra kienet tinkludi avviz tat-temma ta' l-impieg tar-rikorrenti immarkata, Dok.RB/ABC/8.

5.3.10 Kopja ta' dokument minghajr data bit-titlu *Brief:Tribunal re* Lucienne Scicluna. Dan kien gabra ta' noti rigwardanti l-

avvenimenti li sehhu rigwardanti dan il-kaz immarkat, Dok.RB/ABC/7.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Anthony Bernard M.D., F.R.C.S., F.R.C.S. (Orth.)** specjalista wara li kien rilaxxjat mis-sigriet professjonali mir-rikorrenti, stqarr li nhar il-15.10.08 kien ezamina lir-rikorrenti u rrizulta li kellha infezzjoni f'minkbejha bil-mikrobu MRSA li hu rezistenti ghall-antibiotici normali. Minhabba f'hekk irranga li jitnaqqsulha l-i*steroids* li kienet tiehu biex tikkura l-asthma, biex tikseb cans ahjar li titfejjaq mill-infezzjoni li setghet giet minn kwalsijasi trawma. Wara serje ta' X-Rays kienet operata biex tnehhitilha l-materja li kienet trabbitilha u li setghet tmiss l-ghadam tal-minkeb. Ix-xhud kompla jispjega li l-infezzjoni setghet kienet rizultat tat-dhul ta' mikrobu fil-ferita li wara mexa mac-cirkulazzjoni tad-demm sal-minkeb. Ir-rikorrenti kienet qaltlu li weggghet fuq il-lant tax-xoghol, izda ma qaltlux x-xoghol kienet taghmel.

6.2 **Rachelle Butigieg,** impjegata mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Human Resources Manager,* stqarret li l-kumpanija intimata kienet taf bil-kundizzjoni kronika li kellha r-rikorrenti u kien minhabba f'hekk li l-kumpanija intimata kienet ipprovdiet sit mghammar bl-ossignu fejn ir-rikorrenti setghet tmur tikkura ruhha meta jkun mehtieg. Matul l-2006 ir-rikorrenti hadet il-*leave* kollu ghall-mard b'paga shiha u erba' sighat u nofs, b'nofs paga. Matul l-2007 hadet il-*leave* kollu ghall-mard b'paga shiha u seba' sighat b'nofs paga. Matul l-impieg taghha sa tmiem l-2007, ir-rikorrenti kienet imwiddba bil-fomm informalment erba' darbiet. Ix-xhud kompliet tghid li qabel l-2008, ir-rikorrenti flimkien ma' zewgha, binha Clayton u l-gharusa tieghu kollha kienu jahdmu mal-kumpanija intimata. Fil-bidu ta' l-2008 binha talab zieda fil-paga u ppretenda promozzjoni, u meta t-talbiet tieghu ma ntlaqghux irrizenja. Xi zmien wara ntemm l-impieg ta' zewgha minhabba dixxiplina. Wara li graw dawn iz-zewg avvenimenti, l-assenza tar-rikorrenti fuq *leave* ghall-mard, u *leave* minghajr hlas zdiedet. Minhabba f'hekk saret laqgha maghha u kienet imwiddba bil-fomm formalment minhabba l-assenza taghha fuq *leave* ghall-mard u *leave* minghajr hlas mhux pjanat u li kienet tiehu biex tahdem fir-*Restaurant* ta' binha. Dan kienet taghmlu minkejja li l-kuntratt tal-impieg ma kienx jippermetti xoghol *part-time* ma' terzi minghajr permess, u r-rikorrenti qatt ma kienet talbet tali permess. Fi tmiem din l-istess laqgha r-rikorrenti kienet mgharrfa wkoll li jekk tiehu l-*leave* kollu ghall-mard u tkompli tfalli minhabba f'hekk, il-kumpanija intimata setghet tiehu passi biex tiddikjaraha li ma kinitx tajba ghax-xoghol. Ix-xhud ziedet tghid li minkejja li ma kinitx tiknes il-lant tax-xoghol tal-kumpanija intimata minhabba l-kundizzjoni medika li

kellha, fl-istess waqt kienet tohrog tpejjep. Dan l-agir kien johloq garr minn impjegati ohra. Bejn Jannar u Lulju ta' l-2008 hadet il-*leave* kollu ghall-mard b'paga shiha u kwazi nofs il-*leave* ghall-mard b'nofs paga, kollox certifikat, u bl-approvazzjoni tal-kumpanija intimata l-*leave* annwali kollu, u 108.98 sigha *leave* minghajr hlas. Ix-xhud ikkonfermat li minkejja l-ammont ta' *leave* ghall-mard li kienet tiehu r-rikorrenti qatt ma kien hemm suspett ta' abbuz. Ix-xhud kompliet tghid li l-impjegati fit-taqsima fejn kienet tahdem ir-rikorrenti kienu jahdmu fuq imwejjed vicin xulxin imqieghda b'mod li kulhadd seta' jara u jisma' kull ma jigri ghaliex ma kienx hemm hsejjes jew ostakli estranji li jtellfu. Jekk u meta jigri incident l-impjegat jew xi hadd iehor fil-post jirrapporta lit-*Team Leader* li minnaha taghha tgharraf lis-*Supervisor* u lis-*Safety Officer*. Minn investigazzjoni li saret fil-jum tat-Tnejn wara l-allegat incident, irrizulta li r-rikorrenti ma rrappurtatx l-allegat incident fil-jum li sehh, kompliet tahdem sa tmiem il-hin, u hadd mill-kollegi taghha u minn fost it-*Team Leader*, is-*Supervisor* u s-*Safety Officer* ma ra jew sema' xi haga relatata jew ircieva xi rapport. Nhar it-Tnejn 28.07.08 wara l-allegat incident, it-*Team Leader* tar-rikorrenti wasslitilha l-formola statutorja N.I.30 u qaltilha li r-rikorrenti kienet isfel tistenna biex tkellimha. Ir-rikorrenti qaltilha li kienet weggghet il-Gimgha ta' qabel f'12.00 u t-tabib tal-Poliklinika kien iccertifikaha li ma setghetx tattendi ghax-xoghol ghal hamest ijiem. Ix-xhud tkellmet ma' Simon Grima, zammet ghandha l-originali tal-formola statutorja, ghamlet kopja, tatha lir-rikorrenti, qaltilha li kien ser imur jinviztaha t-tabib tal-kumpanija intimata, u wara tgharrafa bid-decizjoni. Wara li nghatat dan it-taghrif ir-rikorrenti telqet. Ix-xhud qalet li ma kinitx taf jekk is-Sibt wara l-allegat incident kienx hemm nies bis-sahra fil-fabbrika tal-kumpanija intimata. Wara bdil ta' korrispondenza bejn Simon Grima, u l-Avukata Alessia Zammit McKeon il-kumpanija intimata ddecidiet li ttemm l-impieg tar-rikorrenti ghar-ragunijiet li jidhru fl-ittra rilevanti.

6.3 **Aaron Formosa M.D.,** li jaghti servizz mediku lill-kumpanija intimata, wara li kien rilaxxjat mis-sigriet professjonali mir-rikorrenti stqarr li fuq talba tal-kumpanija intimata nhar it-Tnejn 28.07.08 kien mar jinvizta lir-rikorrenti fid-dar taghha. Dak in-nhar ir-rikorrenti qaltlu li fil-jum tal-Gimgha ta' qabel kienet laqtet minkibha fuq il-lant tax-xoghol, kompliet tahdem u ma ghamlet ebda rapport. Matul il-lejl bejn is-Sibt u l-Hadd qabadha ugigh qawwi fil-minkeb u fl-4.00am. marret il-Poliklinika tal-Furjana fejn kienet ezaminata, ikkurata u certifikata biex ma tattendix ghax-xoghol ghal hamest ijiem. Ix-xhud kompla li waqt l-ezami li ghamel la ra nefha, la qasma fil-gilda, la tbengil, u lanqas hmura, izda r-rikorrenti ripetutament qaltlu li kienet qieghda twegga kull fejn missilha madwar il-minkeb. Minhabba l-osservazzjoni ta' diskrepanza bejn dak li ra u dak li qaltlu r-rikorrenti, issuggerielha li taghmel jumejn id-dar u jekk ma thosshiex ahjar jerga' jinviztaha, izda r-rikorrenti wiegbet li hi kienet ser taghmel iz-zmien kollu li kienet certifikata mit-

tabib tal-Poliklinika. Wara l-vizta hu gharraf bil-miktub lill-kumpanija intimata bid-dijanjosi u l-osservazzjonijiet tieghu.

6.4 **James Genovese,** impjegat fil-kariga ta' *Supervisor* fit-Taqsima tal-*Joystick*s mal-kumpanija intimata, stqarr li fit-Taqsima fejn kienet tahdem ir-rikorrenti l-imwejjed huma mqieghda f'forma ta' U vicin hafna ta' xulxin biex l-impjegati jkunu jistghu jghaddu x-xoghol minn impjegat ghall-iehor facilment, u l-ambjent hu kwiet hafna. L-ghodda wzata hi tal-idejn u tahdem bil-batteriji. Ir-rikorrenti kienet ilha fit-Taqsima tieghu madwar sena u kien konxju li kienet tiehu hafna *leave* ta' kull kwalita'. Kienet ukoll tikkmanda lil shabha biex jaghmlu xi parti mill-process li suppost kienet taghmel hi. Kompla jghid li hi ma kinitx tiknes il-lant tax-xoghol, izda kienet tghid lil shabha li ghand binha kienet taghmel kollox. Fil-jum ta' l-allegat incident hu kien prezenti u la ra, la sema' u lanqas ma kien mgharraf li sehh xi incident. Zied jghid li hu kellu d-drawwa li jkellem lill-impjegati qabel ma jitilqu lejn id-dar, u fil-jum tal-allegat incident ghamel bhal ma kien jaghmel is-soltu, izda hadd ma qallu xejn. Wara tmiem il-gimgha, x'aktarx it-Tnejn, kienet kellmitu Rachelle Buttigieg u staqsietu jekk kienx jaf xi haga dwar xi incident li allegatament sehh fit-Taqsima tieghu, u hu wiegeb li ma kien jaf b'xejn.

6.5 **Simon Grima**, impjegat fil-kariga ta' *General Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li kien jaf lir-rikorrenti, lil zewgha, lil binha Clayton, u l-gharusa tieghu ghaliex kollha kienu jahdmu mal-kumpanija intimata. Zied jghid li minhabba kundizzjoni medika kronika, ir-rikorrenti ma kinitx tiknes il-lant tax-xoghol, izda kienet tohrog tpejjep. Il-*leave* taghha minhabba mard kien dejjem aktar mill-medja tal-kumpanija intimata. Ir-rikorrenti kienet tohloq problemi ma' shabha u ma' min jikkmandaha. Fil-bidu ta' l-2008 inqalghet problema ma' binha Clayton u aktar tard ma' zewgha, u b'konsegwenza ta' hekk kienet ghamlet hafna diskors zejjed mal-kollegi taghha rigwardanti wiehed mill-*Managers*. Dwar dan kienet ikkoreguta u mwiddba u wriet li ddispjacieha ghal li ghamlet. Wara r-rizenja ta' binha u t-temma tal-impieg ta' zewgha bdiet tghid li fil-hin liberu taghha kienet qieghda tahdem fir-*Restaurant* ta' binha u beda jizdied il-*leave* ghall-mard ghaliex wara l-hin li kienet taghmel fir-*Restaurant* ta' binha kienet tkun ghajjiena u ma tkunx tiflah tattendi ghax-xoghol mal-kumpanija intimata. Ix-xhud stqarr li xi granet qabel ma sehh l-allegat incident ir-rikorrenti kienet imwiddba formalment minhabba l-assenza taghha fuq *leave* ghall-mard u *leave* iehor u wkoll kienet avzata li l-kumpanija setghet tiehu mizuri biex tiddikjaraha mhux tajba ghax-xoghol jekk wara li tezawrixxi l-*leave* kollu ghall-mard tkompli tfalli. Ghalkemm ir-rikorrenti qalet li weggghet fuq il-lant tax-xoghol ma setax jifhem kif dan seta' gara meta l-ghodda wzata hi ghodda tal-id, imdendla u kontra bilancjata u kalibrata ghall-issikkar hafif ta' viti zghar li ma jenhtiegu

ebda sahha ghall-issikkar. Minbarra hekk il-mod kif kien imfassal it-tqeghid tal-bankijiet kien ipoggi lill-impjegati vicin hafna ta' xulxin b'mod li kulhadd seta' jara u jisma' kollox. Irrizulta mill-investigazzjoni li fil-jum tal-allegat incident ir-rikorrenti ma ghamlet ebda rapport kif kienet obbligata taghmel skond il-procedura interna. Mill-investigazzjoni li saret hadd mill-impjegati ma sema' jew ra xi haga rigwardanti l-allegat incident. Minbarra dan it-tabib li mela l-formola statutorja N.I.30 ma ta ebda deskrizzjoni ta' kif sehh l-incident, u t-tabib tal-kumpanija intimata li ntbaghat biex jezamina lir-rikorrenti d-dar ikkummenta li ma ra ebda rabta bejn dak li ddeskrivietlu dwar minn xhiex kienet qieghda tbati r-rikorrenti u x-xoghol li kienet taghmel mal-kumpanija intimata. Ix-xhud zied jghid li wara li nghatat kunsiderazzjoni ghac-cirkustanzi kollha tal-kaz iddecieda li ma jaccettax it-talba ghal *leave* minhabba korrimenti u li jittermina l-impieg minhabba l-attentat biex tiffroda lil-kumpanija intimata.

6.6 **Eric Scerri, M.D**., tabib li jahdem fil-Poliklinika tal-Furjana, wara li kien rilaxxjat mis-sigriet professjonali mir-rikorrenti stqarr li hu kien ezamina lir-rikorrenti fil-Poliklinika tal-Furjana nhar is-27.08.08 meta ra li kellha hmura mal-minkeb li setghet kienet rizultat jew ta' daqqa jew ta' infezzjoni manifestata b'deni jew glandoli minfuha. Hu ma ftakarx jekk kienx ezaminaha ghad-deni jew glandoli minfuha. Ix-xhud ikkonferma li fil-kaz ta' persuna li tkun tiehu l-i*steroids*, il-gisem idum aktar biex jitfejjaq. Ix-xhud kompla li hu mela l-parti tal-formola statutorja N.I.30 li tirrigwarda lilu u l-kumplament hallieh vojt biex jimtela' mir-rikorrenti. Nhar it-30.07.08 ir-rikorrenti regghet marret u talbitu certifikat.

6.7 **Lucienne Scicluna,** ir-rikorrenti li kienet impjegata fil-kariga ta' *Operator* mal-kumpanija intimata, stqarret li kienet ilha fl-impieg madwar sentejn u nofs li matulhom hadmet f'erba' Taqsimiet ghal madwar sitt xhur kull darba u fl-ahhar spiccat fit-Taqsima tal-*Joysticks*. F'din it-Taqsima kienet tahdem fuq wahda minn erba' mwejjed u kienet tuza ghodda tal-idejn li tahdem bil-batteriji biex tissikka viti zghar fuq l-apparat. Ziedet tghid li fil-bidu tal-impieg kien kellimha Andre' Spiteri rigwardanti zbalji li kienet ghamlet fil-process. Stqarret li hi tbati minn asthma akuta u l-kumpanija intimata kienet hadet hsieb li tipprovdi ossignu fuq il-lant tax-xoghol ghall-uzu taghha f'kaz ta' bzonn. Ix-xhud qalet li kull meta hadet il-*leave* ghall-mard dejjem irrapportat u dejjem kienet certifikata u fil-kaz tas-sena 2008 kien ghad fadlilha xi *leave* ghall-mard b'nofs paga. Il-*leave* kollu li hadet bil-hlas u minghajru dejjem kien ikun approvat mill-kumpanija intimata. Xi whud mil-*leave* minghajr hlas haditu fi zmien meta tant ma kienx hemm xoghol li l-impjegati kienu jintbaghtu minn Taqsima ghal ohra. Hi kienet tuza dan il-*leave* biex tahdem fir-*Restaurant* ta' binha. Ziedet tghid li kienet taghmel hekk kull nhar ta' Sibt u Hadd. Qatt hadd ma qalilha li ma setghetx tiehu *leave* minghajr hlas. Fil-jum tal-incident kienet xoghol

bejn is-6.45am u l-1.45pm. Ghal xi 12.00 waqt li kienet qieghda tuza t-turnavit tal-elettriku biex tissikka xi viti fuq l-apparat zelqitilha idha u habtitha mal-mejda u ttarrxitilha ghal xi hin, izda ma ghamlet ebda paniku, ma ghajtet xejn, ma qalet lil hadd, u wara ftit iffjammatilha. Meta sar il-hin marret id-dar, ghamlet il-facendi, sajret, u xoghol iehor. Is-Sibt kompliet xogholha fid-dar, izda matul il-lejl mis-Sibt ghall-Hadd qabadha ugigh kbir, kellha hmura u nefha u fit-3.30am marret il-Poliklinika tal-Furjana. It-tabib li ezaminaha ghamlilha karta biex tiehu X-Ray u kkuraha. It-Tnejn fil-ghodu marret il-fabbrika bil-formola statutorja u talbet lit-*Team Leader* biex tkellem lil Rachelle Buttigieg li kienet ghadha ma dahlitx. Stenniet u wara xi hin kellmitha, u tatha l-formola biex tiffirmaha. Rachelle Buttigieg qaltilha li kienu ser jikkonsidraw it-talba taghha wara li jkun ra t-tabib tal-kumpanija intimata. Minbarra hekk Rachelle Buttigieg issuggeritilha li tibdel l-assenza f'*leave* ghall-mard minflok korriment, u hi rrifjutat. Wara telqet lejn id-dar tistenna li jezaminaha t-tabib tal-kumpanija intimata. Nhar l-01.08.08 kienet mgharrfa li l-kumpanija intimata kienet temmitilha l-impieg. Kompliet tattendi l-isptar taht il-kura tal-ispecjalista Anthony Bernard li operaha u qalilha li ried jghaddi ftit taz-zmien biex tfiq sewwa.

6.8 **Andre' Spiteri,** impjegat fil-kariga ta' *Operations Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrenti kienet tahdem f'Taqsima li taqa' taht ir-responsabbilta' tieghu u hu familjari mal-allegat incident. Zied jghid li r-rikorrenti kienet tahdem fuq bank minn fost hamsa ta' daqs 2m x 1m li kienu mqieghda f' forma ta' U u mghammra b'ghodda tal-idejn, f'ambjent kwiet, u hu qatt ma fehem kif din setghet weggghet. Ix-xhud kompla li f'kaz ta' incident l-impjegati huma mgharrfa li jgharrfu b'dak li jigrilhom lit-*Team Leader* taghhom biex isir dak kollu mehtieg ghall-kura f'waqtha u investigazzjoni. F'dan il-kaz minn dan kollu ma sar xejn. Kemm damet f'din it-Taqsima r-rikorrenti kienet imwiddba xi drabi minhabba li kienet tibdel il-procedura tax-xoghol minghajr permess. Ir-rikorrenti ma kinitx tnaddaf il-lant tax-xoghol, izda spiss kienet tillarga biex tohrog tpejjep. Kienet tiehu hafna *leave* ta' kull xorta u kienet tirrrifjuta tahdem bis-sahra. Ix-xhud temm jghid li l-hinijiet tax-xoghol bejn it-Tnejn u l-Hamis kienu bejn is-7.15am u l-4.15pm u nhar ta' Gimgha bejn is-7.15am u s-1.45pm.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Andrew Borg Cardona ghall-kumpanija intimata stqarr li:

7.1.1 Ir-rikorrenti kienet imwiddba diversi drabi matul l-impieg taghha mal-kumpanija intimata rigwardanti n-nuqqas ta' osservanza tal-proceduri interni dwar il-process tax-xoghol

u wkoll ghat-tehid ta' vacation *leave* u *leave* ghall-mard. L-ahhar twiddiba nghatat waqt laqgha li saret f'Lulju 2008.

7.1.2 Ir-rikorrenti kienet taghmel uzu mil-*leave* ghall-mard aktar mill-medja tal-impjegati l-ohra.

7.1.3 Ir-rikorrenti stqarret li f'Lulju 2008, wara li kienet imwiddba li jekk jiskadilha l-*leave* ghall-mard u tkompli tfalli seta' jintemmilha l-impieg, allegat li kellha incident fuq il-lant tax-xoghol, weggghet minkibha, ghajtet "ajma", ma semaghha hadd u ma rrapportat lil hadd.

7.1.4 L-ghodda li tintuza ghall-operat tax-xoghol hi mfassla b'mod li hi kontro-bilancjata, u fil-qabda ma tehtieg ebda forza biex tithaddem.

7.1.5 Hadd mit-tobba u l-ispecjalista li xehdu ma kien prezenti meta sehh l-incident, u konsegwentement kollha qalu li strahu fuq dak li qaltilhom hi.

7.1.6 It-tabib tal-kumpanija intimata Aaron Formosa M.D., wara li ezamina lir-rikorrenti nhar it-Tnejn 28.07.08 ghalkemm ikkonferma li kellha trawma, iddikjara bil-kitba u viva voce li fil-fehma professjonali tieghu ma kienx hemm rabta bejn it-trawma u l-attivita' li r-rikorrenti kellha fil-qadi ta' dmirijietha.

7.1.7 Il-kumpanija intimata, rinfaccjata b'sensiela ta' avvenimenti li kollha jindikaw li r-rikorrenti ma weggghetx fuq il-lant tax-xoghol u l-insistenza kuntrarja tar-rikorrenti, iddecidiet li ttemm l-impieg.

7.1.8 Ghamel riferenza ghall-Kaz Nru 2384 Arthur Walker vs Foster Clark Products Ltd deciz mit-Tribunal Industrijali diversament presjedut u li kien appellat u akkordat.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib li t-temma tal-impieg kienet ghal raguni gusta u bizzejjed skond il-Ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Alessia Zammit McKeon f'isem ir-rikorrent stqarret li:

7.2.1 It-temma tal-impieg ma saritx minhabba xi nuqqasijiet rigwardanti ksur ta' proceduri interni tax-xoghol jew assenza mix-xoghol, izda minhabba akkuza ta' dikjarazzjoni falza dwar incident li sehh fuq il-lant tax-xoghol u minhabba x-xoghol.

7.2.2 Ghalkemm minnu li jista' jkun li hadd ma ra jew sema' xejn dak il-hin tal-incident, dan gara ghaliex ir-rikorrenti ma ghamlitx paniku dwar dak li sofriet.

7.2.3 Minhabba li l-incident sehh f'jum tal-Gimgha u r-rikorrenti la hadmet is-Sibt u lanqas il-Hadd, hi rrapportat l-incident it-Tnejn ta' wara, fl-ewwel jum tax-xoghol taghha.

7.2.4 It-tabib tal-kumpanija intimata, Aaron Formosa M.D., ikkonferma li r-rikorrenti kellha trawma, u ghalkemm fil-fehma tieghu ma kellhiex relazzjoni mal-attivitajiet taghha fuq il-lant tax-xoghol, iccertifikaha marida ghal jumejn u fil-kaz li ma tidholx ghax-xoghol kien lest li jerga' jmur jezaminaha.

7.2.5 Ghalkemm hu minnu li r-rikorrenti kienet tmur tghin lil binha fil-kcina tar-Restaurant tieghu, dan b'ebda mod ma jista' jkun diskritt bhala xoghol impenjattiv. Minbarra hekk hi stqarret bil-gurament li ghand binha ma sofriet ebda incident.

7.2.6 L-ispecjalista' Anthony Bernard M.D. F.R.C.S., F.R.C.S. (Ornith). stqarr li l-kundizzjoni kronika li kienet issofri minnha r-rikorrenti u li ghaliha kienet preskritta l-i*steroids* kienet taghmel possibbli t-tardivita' fis-sintomi li sofriet ir-rikorrenti.

7.2.7 It-temma tal-impieg saret biss minhabba li wara l-ittra datata 31.07.08 mibghuta f'isem ir-rikorrenti mill-istess Avukata lill-kumpanija intimata, ir-rikorrenti insistiet li tinghata *leave* ghall-korriment minflok *leave* ghall-mard. Insistenza li l-kumpanija intimata kkonkludiet li kienet dikjarazzjoni falza.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib li t-temma tal-impieg ma kinitx ghal raguni gusta u bizzejjed skond il-Ligi, u jaghti lir-rikorrenti kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Jirrizulta mill-provi li fil-jum tal-incident hadd mill-impjegati li jahdmu vicin ir-rikorrenti ma sema' jew ra xi haga li setghet twassalhom jindunaw li kien sehh xi incident madwarhom. L-istess xhieda tar-rikorrenti tikkonferma li dan kien possibbli ghaliex hi ma ghamlet ebda paniku minhabba li kkonkludiet li dak li allegatament gralha kien tant

minimu li ma fehmitx li seta' jwassal ghal xi konsegwenzi li setghu jzommuha milli tattendi ghax-xoghol. Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll li fil-jum tal-incident ma ghamlet ebda rapport li kienet weggghet u li matul tmiem il-gimgha kemm is-Sibt kif ukoll il-Hadd bhas-soltu hadmet fil-kcina tar-Restaurant ta' binha.

8.2 It-tabib Eric Scerri, M.D., li ezamina lir-rikorrenti fil-Poliklinika tal-Furjana fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd 27/28.07.08, stqarr li r-rikorrenti kellha hmura mal-minkeb li setghet kienet rizultat jew ta' daqqa jew ta' infezzjoni. Kien ghalhekk li ccertifikaha biex ma tattendix ghax-xoghol ghal hamest ijiem. Nhar l-Erbgha 30.07.08 rega' ezaminaha, ikkonferma li kien ghad hemm nefha fil-minkeb u ccertifikaha mhux tajba ghax-xoghol *"for the time being".*

8.3 Wara li t-Tnejn 28.07.08 ir-rikorrenti gharrfet lill-kumpanija intimata bl-allegat incident fuq ix-xoghol, il-kumpanija intimata investigat l-allegazzjoni u rrizultalha li hadd mill-impjegati ma kien jaf xejn dwar l-incident, u wkoll li r-rikorrenti ma kienet irrapportat ebda incident fil-jum tal-Gimgha.

8.4 It-tabib Aaron Formosa M.D**.,** li jaghti servizz mediku lill-kumpanija intimata, xehed li ezamina lir-rikorrenti fil-jum tat-Tnejn, meta la ra nefha, la qasma fil-gilda, la tbengil, u lanqas hmura. Izda minhabba li r-rikorrenti ripetutament qaltlu li kienet qieghda twegga' kull darba li missilha madwar il-minkeb, ghazel li jaghtiha l-beneficcju tad-dubju, u ccertifikaha ghal jumejn biss. Qalilha wkoll li jekk ikun hemm bzonn, jerga' jezaminaha wara jumejn.

8.5 Jirrizulta minn dan li zewg tobba ccertifikaw li r-rikorrenti kellha trawma, u allura xi incident sehh. Izda, fid-dawl tad-dettalji rigwardanti l-process tax-xoghol u l-ghodda li kienet tuza r-rikorrenti, fin-nuqqas tar-rikorrenti li tirrapporta l-incident fil-jum li sehh, fin-nuqqas ta' xhieda dwar l-istess incident u tal-fatt li r-rikorrenti hadmet ghand terzi fi tmiem il-gimgha, kemm is-Sibt kif ukoll il-Hadd, hadd ma seta' jghid definittivament fejn weggghet ir-rikorrenti. F'dawn ic-cirkustanzi l-piz tal-prova fuq livell accettabbli ghat-Tribunal Industrijali li l-incident sehh fuq il-lant tax-xoghol, kien jaqa' fuq ir-rikorrenti, u dan ma ghamlitux.

8.6 Fid-dawl ta' dan kollu l-kumpanija intimata kellha kull dritt tirrifjuta li tirregistra l-incident bhala korriment fuq il-lant tax-xoghol u minflok tirregistra l-assenza tar-rikorrenti mit-Tnejn 'il quddiem fuq *leave* ghall-mard kif iccertifikawha l-istess tobba li ezaminawha.

8.7 Bejn Jannar u l-ahhar ta' Lulju 2008, ir-rikorrenti kienet ezawriet il-*leave* kollu ghall-mard b'paga shiha u parti mil-*leave* ghall-mard b'nofs paga. Jirrizulta mill-provi li ghalkemm l-assenza tar-rikorrenti

minhabba *leave* ghall-mard kienet aktar mill-medja tal-impjegati, il-kumpanija intimata, konxja mill-kundizzjoni kronika tar-rikorrenti, ma kellha ebda suspett ta' abbuz ghat-tehid fl-imghoddi ta' *leave* ghall-mard.

8.8 Jirrizulta mill-provi mhux kontestati mill-kumpanija intimata li t-Tnejn fil-ghodu, meta r-rikorrenti rrappurtat l-incident, sarilha suggeriment biex taccetta li l-assenza taghha tkun registrata bhala *leave* ghall-mard minflok *leave* ghall-korriment, izda dan is-suggeriment kien rifjutat. Minkejja dan ir-rifjut l-assenza tar-rikorrenti bdiet tkun registrata bhala *leave* ghall-mard.

8.9 Fin-nuqqas ta' provi definittivi rigwardanti fejn sehh l-incident, ir-rejazzjoni tal-kumpanija intimata li twaqqaf ir-registrazzjoni tal-assenza minn *leave* ghall-mard b'nofs paga li kienet ga bdiet taghmel, u taghmel hekk minhabba l-insistenza ripetuta tar-rikorrenti li hi weggghet fuq il-lant tax-xoghol, u minflok ittemm l-impieg tar-rikorrenti, ma tistax titqies gustifikata.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, u ghamel riferenza ghall-provvedimenti tal-Artiklu 81 (2) (*a*) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 It-temma tal-impjieg tar-rikorrenti ma saritx ghal raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi.

9.2 Il-kumpanija intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' Elfejn, sitt Mija tliet u Erbghajn Ewro (€2,643) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir fi tliet pagamenti mensili ndaqs u konsekuttivi, bl-ewwel pagament isir nhar l-01 ta' Gunju 2011.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**